ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 35/07 – L-Erbgħa 27 ta' Mejju 2015 fis-18:00pm.**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fi 18:30pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

AGENDA

1. Riżenja tas-Sur Joseph Abela minn Sindku u Kunsillier
2. Aċċettazzjoni u Ġurament tas-Sindku u l-Viċi Sindku
3. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
4. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
5. Affarijiet Finanzjarji
    - *Audit Report u Management Letter*
    - *Skeda ta' Pagamenti*
6. Rapport mill-Kunsillieri
7. Ħwejjeġ Oħra
8. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

**1. Riżenja tas-Sur Joseph Abela minn Sindku u Kunsillier** Riżenja

i. Is-Sur Paul Farrugia fil-vesti tiegħu ta' Viċi Sindku ta merħba lil dawk preżenti u nfurmahom li peress li s-Sur Joseph Abela kien tefa' r-riżenja tiegħu kemm minn Sindku kif ukoll minn Kunsillier għalhekk preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Ian Micallef sabiex jagħti l-Ġurament lis-Sindku u lill-Viċi Sindku l-ġodda u dan skond Art.25 ta' l-Atti dwar il-Ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku.

**2. Aċċettazzjoni u Ġurament tal-kariga ta' Sindku** Ġurament

i. Is-Sur Paul Farrugia qara u ffirma l-ittra ta' Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku

i.i. Is-Segretarju Eżekuttiv libset il-*lapel badge* lis-Sindku Paul Farrugia bħala simbolu tal-kariga tiegħu.

i.ii. Il-membri kollha flimkien mas-Segr. Eżekuttiv ferħulu u awgurawlu.

**ii. Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku** Ġurament

ii.i Is-Sur Keith Darmanin qara u ffirma l-ittra ta' Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku.

ii.ii Is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri u s-Segr. Eżekuttiv ferħulu u awgurawlu.

iii. F'dan il-waqt is-Sindku għamel diskors qasir fejn l-ewwel irringrazzja lill-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Ian Micallef għall-preżenza tiegħu kif ukoll indirizza lil dawk preżenti fejn qal kelmtejn qosra dwar il-ħidma futura tal-Kunsill Lokali u awgura li bħal dejjem dan il-Kunsill jibqa' jaħdem bħala tim u dan għall-ġid uniku tal-komunita' Tarxiniża.

**3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 33/07 ta' nhar **l-Erbgħa 22 t'April 2015 fis-6.00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Nru. 34/07 ta' nhar **l-Ħamis 23 t'April 2015 fis-6.00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i. Is-Sindku Paul Farrugia staqsa lis-Seg. Eżek. fhix kien wsal dan il-każ. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li f'dan il-każ għad m'hemmx żviluppi peress li qatt ma reġgħu ltaqgħu. Apparti minn hekk is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Avukat Joe Mifsud li kien qed jirrappreżenta lill-Kunsill kien laħaq Maġistrat pero dan l-aħħar flimkien miegħu kien qed jidher Dr Mario Mifsud, li jiġi wkoll huh u li għalhekk kien infurmat sew bil-każ. Pendenzi mill-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i ***MOZZJONI NRU. 1***

i.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ppropona u l-Kunsillier Frans Agius ssekonda li ladarba l-Avukat Joe Mifsud laħaq Maġistrat, minħabba kontinwita' fuq il-pendenzi li dan il-Kunsill għandu, qiegħed isir qbil li l-Avukat Mario Mifsud jibqa' jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali Ħal Tarxien.

i.iii Il-Kunsill qabel unanimament.

ii. Is-Sindku Paul Farrugia nfurma lill-Kunsill li kemm il-laqgħa mal-Onor. Ministru Joe Mizzi kif ukoll il-laqgħa l-oħra li saret man-nies tekniċi tiegħu li kienu qed joffru kienu li min-naħa ta' Ministeru mhuwiex dak li forsi konna qegħdin naħsbu li jsiru resurfacing ta' toroq imma fil-verita' huwa xogħol ta' patching. Is-Sindku kompla jispjega li fil-preżent dan ix-xogħol il-Kunsill diġa qiegħed jagħmlu bil-ħaddiema assenjati miegħu. Laqgħa Onor. Joe Mizzi

ii.i Is-Sindku qal ukoll li pero fejn jirrigwardjaw xi xogħlijiet ta' culverts ikun għaqli li bħala Kunsill nitolbu li dan ix-xogħol isir min-nies kompetenti u tekniċi tal-Ministeru.

iii. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li dwar id-diskussjonijiet bejn l-Ex-Sindku Joseph Abela u mas-Sur Andrew Haig tat-TM huwa ma kellux xi jgħid peress li hu qatt ma kien mitlub jattendi għal dawn il-laqgħat. Is-Sindku kompla jispjega li sadanittant min mill-Kunsillieri kellu xi proposti dwar fejn tista' ssir din il-Venda fir-raħal setgħa jgħaddihom lis-Seg. Eżek. sabiex jiġu diskussi fil-laqgħat li ġejjin. Laqgħa ma' TM dwar ir-rotot tal-linja

iv. Is-Sindku talab sospensjoni tal-laqgħa sabiex is-Sur Mario Fava bħala kelliem u rappreżentant tal-Kunsilliera PL xtaq jiċċara għaliex kien qed jattendi għal din il-laqgħa u dan wara dak kollu li kien għaddej fuq is-Social Media.

Il-Kunsill qabel li l-live streaming jieqaf sakemm is-Sur Fava jagħti l-ispjega tiegħu.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-18:30pm*

v. Il-Kunsillier Ismael Dalli nforma lill-Kunsill li attenda għal-laqgħa organizzata mill-Assoċ. Gvern Lokali fejn fiha l-Malta Communications Authority spjegaw xi proċeduri dwar il-preżenza tal-Kunsilli Lokali online. Per eżempju il-facebook page tal-Kunsill, web page etc. Facebook Page

v.i Is-Sindku ssuġġerixxa forsi nitolbu lill-ETC għal xi student li jkun jista' jamministra din il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

vi. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li x-xogħol fil-Berġa għaddej. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-ftuħ uffiċċjali kien qed ikun propost għad-19 ta' Ġunju 2015. Pero wara li ġara li ġara hija infurmat lill-Primary Health Care u sar qbil li ladarba is-Sindku l-ġdid jieħu posthu nerġgħu nkelmuhom ħalli tkun proposta data oħra. Berġa fi Triq Santa Marija

vii. Rigward l-laqgħa mal-E. T. l-Ambaxxatur Malti għall-Bulgaria, is-Sindku nfurma lill-Kunsill li s'issa għadna ma rċevejna xejn. Stedina Ambaxxatur Malti għall-Bulgaria

viii. Rigward il-gazebo ta' Ġnien Veliko Turnovo, is-Seg. Eżek. infurmat li r-rappreżentanta tal-Għaqda tal-Artiġġjanat Malti kienet infurmat il-Kunsill li huma ma setgħux jibdew jaħdmu u jamministraw din il-gazebo. Ġnien Veliko Turnovo

viii.i Rigward l-Information Kiosk tal-Pjazzetta ta' Triq Santa Tereża s-Seg. Eżek. infurmat li kien l-Ex Sindku li kien għaddej jitkellem ma' xi nies biex b'mod volontarju għal ftit siegħat kuljum jiftħulna din il-kiosk li pero hi m'għandiex dettalji tagħhom.

ix. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill li qed jinżamm logbook fuq il-vann tal-Kunsill. Is-Seg. Eżek. qalet li peress li ċavetta tal-vann għandna waħda biss, din qed tinżamm minn wieħed mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill peress li huwa qed jidħol kmieni għax-xogħol. Vann tal-Kunsill

ix.i Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li s-sistema ta' xogħol fost dawn il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill trid tinbidel. L-ewwel u qabel kollox iridu jibdew jiffirmaw ta' kuljum. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

x. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-attivita' li kellha ssir b'tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra nhar il-Ġimgħa 24 ta' April 2015 f'xi 19:00pm ma saritx minħabba l-maltemp. Attivita' Vittmi tal-Gwerra

xi. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li rigward is-sejħa għall-impjieg full time ta' Uffiċċjal Eżekuttiv fuq Skala 13 u persuna oħra Skrivana part-time fuq Skala 15 fuq bażi back to back, din il-ġimgħa waslet l-approvazzjoni mid-Dipt Gvern Lokali.

Sejħa għal Imjegati ġodda

xi.i Il-Kunsill qabel li sakemm jibqgħu magħna dawn l-istudenti, il-Kunsill jitlob li ssir sosspensjoni temporanja taż-żewġ sejħiet għal perjodu li jdumu magħna dawn iż-żewġ studenti.

xii. Is-Seg. Eżek. talbet lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li nixtru kompjuter ġdid. Il-Kunsill qabel li jinxtara kompjuter ġdid peress li dan huwa bżonn amministrattiv.

Kompjuter ġdid

xii.i Is-Sindku reġa tenna li dwar it-talbiet għal rifużjoni lill-Kunsilli minħabba ħsarat f'tyres u/jew vetturi minħabba l-istat tat-toroq, din ser tkun diskussa mill-Assoċ. Gvern Lokali.

Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

xiii. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-Ex Sindku kien għadu ma rritornax iċ-ċwievet tad-dressing rooms tal-ground kif ukoll tal-garaxx tal-Kunsill.

Ċwievet tad-dressing rooms u tal-garaxx tal-Kunsill

xiii.i Saret diskussjoni dwar il-fatt li dwar it-turf tal-Kunsill għad hemm kawża pendenti l-Qorti. Il-Kunsill qabel li nikkuntattjaw l-Avukat tal-Kunsill dwar dan il-każ.

Turf tal-ground 5-aside.

xiv. Rigward *shared spaces in urban areas – improving the urban environment*, il-Kunsillier Ismael Dalli ser jieħu ħsieb li jressaq il-proposti f'laqgħa oħra.

Shared Spaces

xv. Għas-sessjoni ta' informazzjoni fil-Wasteserv organizzata mill-ANSEK attendew il-Kunsillier Ismael Dalli flimkien mas-Seg. Eżek. Kienet laqgħa interessanti ħafna.

Sessjoni fil-WASTESERV Malta

xvi. Is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li attendiet laqgħa ta' in formazzjoni organizzata mill-AKL flimkien ma' TM dwar xi tqassim ta' *TALLINJA CARDS* mill-Kunsilli Lokali pero kien għad ma waslu għall-ebda konklużjoni.

TALLINJA CARDS

xvii. Il-Kunsillier Keith Darmanin irraporta li s-serq minn xi karozzi jidher li ggrava għaliex dan l-aħħar sar serq minn diversi karozzi li kienu pparkjata f'Misraħ Buleben.

Serq minn karozzi

xvii.i Il-Kunsillier K. Darmanin qal li għadu qed jistenna biex tiġi ffissata data saiex jiltaqa' mal-pulizija u ladarba jiltaqa' magħhom ser ikun qed iressaq dan l-ilment immedjatament.

xviii. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill kif konna ser nibqgħu fir-rigward tat-Tender tad-Dawl li kien ħareġ ir-Reġjun Xlokk għal dawk il-Kunsilli li riedu jidħlu għaliha. Saret diskussjoni dwar dan.

Tender tad-dawl

xviii.i ***<u>Mozzjoni Nru 2</u>***

xviii.ii Il-Kunsillier Ismael Dalli ppropona u l-Kunsillier Frans Agius ssekonda li l-Kunsill għandu jidħol għat-tender tad-dawl maħruġa mir-Reġjun Xlokk. Il-Kunsill qabel unanimament.

xix. Rigward il-peruna li l-Ex Sindku Joseph Abela kien sab għall-VOT16 , is-Seg. Eżek. Infrmat lill-Kunsill li din il-persuna m'għadiex tersaq l'hawn. Is-Sindku Paul Farrugia talab sabiex isir kuntatt ma' din is-sinjorina u nistaqsu għadiex interessata.

Vot 16

xx. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgħa pubblika fiċ-Ċentru Komunitarju saret kif ippjanata nhar it-Tnejn 27 ta' April 2015 pero ma kienx hemm attendenza mill-pubbliku. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera u s-Seg. Eżek. Li kienu kienu preżenti stennew għall-aktar minn nofsiegħa pero baqa ma' tfaċċa ħadd.

Laqgħa Pubblika

xxi. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li qed jissuġġerixxi li jsir full audit għal dawn l-aħħar 4 snin u dan għandu jsir mhux thru' l-NAO imma nitolbu kwotazzjonijiet u jsir b'mod privat

Full Audit

minn naħa tal-Kunsill.

xxi.i ***Mozzjoni Nru 3***

xxi.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rrakomanda u l-Kunsillier Keith Darmanin ssekonda li nitolbu kwotazzjoni sabiex isir full audit mis-sena 2011 sal-lum.

xxi.iii Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Affarijiet Finanzjarji**

- ***Audit Report u Management Letter***

Audit Report u Management Letter

Is-Seg. Eżek. Infurmat lill-Kunsill li rċevejna l-Audit Report u l-Managment Letter u li t-tweġiba għal din tal-aħħar trid tintbgħat sa' bejn wieħed u ieħor 19 ta' Ġunju 2015. Hemm ċerta rimarki li jridu jirrispondu għalihom l-accountant filwaqt li oħrajn irid iwieġeb għalihom il-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar dan u s-Sindku ssuġġerixxa li jekk ikun jinħass il-bżonn fil-każ anke tissejjaħ Laqgħa Straordinarja.

- ***Skeda ta' Pagamenti***

Skeda ta' Pagamenti

Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia, mis-Seg. Eżek is-Sna. Antonella u minn żewġ Kunsillieri.

**6 <u>Rapport tal-Kunsilliera</u>**

i. *Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin*

ii. Is-Sur Darmanin li għadu qed iqassam tan-Neighbourhood Watch. U x-xahar li ġej ser jressaq dati għal iktar laqgħat. Neighbourhood Watch

iii. Is-Sur Darmanin qal li ser jerġgħu jibdew l-Aerobics u dawn ser jerġgħu jsiru fil-grawnd 5 aside u dan press li mhux sr ikun hemm ġiri fuq it-turf. Is-Sur Darmanin qal li l-Kunsilliera Doris Vella għal darb'oħra ser terġa tgħinu. Aerobics

iii.i Il-Viċi Sindku qal li rigward iċ-ċavetta tal-gate u tad-dressing rooms tal-5 aside grawnd din ser jiffirma għaliha hu.

*Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i Il-Kunsillier Frans Agius qal li l-laqgħa tal-korsijiet tal-kompjuter tal-IKIDS hija skedata li ssir nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju 2015 fis-6.30pm fiċ-Ċentru Komunitarju. IKIDS

i.i Is-Sur Agius nfurma lill-Kunsill li rigward il-kors tal-ECDL kien għadu ma tkellimx ma' tat-TCTC. ECDL

i.iii Rigward il-lezzjonijiet ta' tpinġija u crafts, il-Kunsillier Frans Agius qal li ser jagħmel kuntatt ma min hu responsabbli fil-jiem li ġejjn. Korsijiet tat-Tpinġija

*Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia*

i. Is-Sur Bonavia nfurma lill-Kunsill li t-taħdidiet fuq is-saħħa, idumu tal-inqas siegħa, siegħa u nofs.a kellux x'jirraporta Taħdidiet dwar is-Saħħa

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

i. Is-Sur Dalli nfurma lill-Kunsill li li reġa kellem lill-operatur sabiex iġibilna ż-żewġ riċipjenti li ser jitpoġġew wieħed quddiem il-Kunsill Lokali u ieħor fi Ġnien Mark Farrugia u jekk inhu possibli nżidu ieħor fi Ġnien Ovindoli. Tankijiet għar-riċiklaġġ tal-apparat elettroniku

*Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

i. Is-Sinjura D. Vella qalet li l-aħħar attivita' li saret kienet għal jum l-omm fejn dawk kollha li ppartećipaw ingħataw rigal kull wieħed. Attivita' Jum L-Omm

ii. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Ismael Dalli, il-Kunsilliera Doris Vella ser jikkordinaw flimkien sabiex għal dan is-sajf jippruvaw jorganizzaw ħarġa għat-tfal ġewwa l-park tl-familja M'Skala.

7. **Ħwejjeġ Oħra**

i. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal xi ħadd ġibidlu l-attenzjoni li mill-area ta' wara l-knisja mhux dejjem qed tinġabar il-borża l-ħadra.

i.i. B'żieda ma dan il-Kunsilliera Doris Vella qalet li saħansitra meta jkun għaddej bi trakk tal-ġbir anke dak ta' kuljum, meta taqalhom xi borża l-kolletturi mhumiex qed jiġbruha imma qed iħalluha mal-art.

i.ii. Is-Sindku talabhom biex meta jindunaw b'xi ħaġa simili jirraportaw mill-ewwel għand il-Kunsill ħalli immedjatament jittieħdu l-passi neċessarji.

8. **Għeluq tal-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fit-20:30pm.

Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2015 fis-6.30pm.

**Chev. Paul Farrugia**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**